MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 878/2002/1

**Avviz Numru 878/02 AJD**
**Miller Distributors Limited**

**vs**

**Yvonne McKinnon f'isimha proprio kif ukoll ezercitanti fil-kummerc taht l-isem Sunshine Souvenir**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 t'April 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma mija sebgha u hamsin Liri Maltin u u tmien centezmi (Lm157.08) rappresentanti bilanc dovut fuq prezz ta' diversi oggetti mibjugha u ikkonsenjati mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-konvenuta stess, liema ammont gie kanonizzat permezz ta' skrittura iffirmata mill-istess konvenuta u datata 28 ta' Settembru 2001.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Jannar 2002, u bl-imghax legali mid-data tal-hrug tal-fatturi relattivi sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Charisse Ellul in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija sebgha u hamsin Liri Maltin u tmien centezmi (Lm157.08), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas efettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Jannar 2002,  ghandhom jigu sopportati nterament mill- konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**